MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 656/2005

**Kunsill Lokali Zejtun**

**vs**

**Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xoghlijiet**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-kunsill rikorrenti fit-8 ta’ Lulju, 2005, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-Kunsill esponenti gie notifikat bl-ittra ufficjali datata l-24 ta’ Gunju 2005 ta’ l-intimat Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xoghlijiet, f’liema ittra l-Kunsill esponenti qed jintalab ihallas is-somma ta’ LM34,935.51 filwaqt li giet annessa dikjarazzjoni

guramentata ghall-finijiet u effetti ta’ l-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (kopja ta’ l-istess qed jigu esebiti bhala KZ 1 u KZ 2)

Illi l-Kunsill esponenti qed jipprevalixxi ruhu mit-tieni subartikolu ta’ l-istess artikolu 466 sabiex jopponi l-istess talba;

Illi l-Kunsill esponenti jirrileva illi l-ammont mitlub mid-Direttur intimat huwa infondat fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet;

Illi t-talba tad-Direttur intimat hija preskritta stante li x-xoghlijiet li dwarhom qed jintalab hlas saru qabel is-sena 1998 u ghalhekk ghaddew aktar minn sentejn minn meta saru l-istess xoghlijiet u ghalhekk huwa applikabbli il-perjodu preskrittiv provdut fl-artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess ebda hlas ma huwa dovut stante li x-xoghlijiet in kwistjoni ma sarux skond is-sengha u l-arti u skond kif miftiehem bil-konsegwenza li l-Kunsill esponenti kellu jaghmel mill-gdid certu xoghlijiet, filwaqt li fir-rigward ta’ xoghlijiet ohra m’huwa dovut ebda hlas mill-Kunsill esponenti stante li dawn kienu jiffurmaw parti mill-progetti li kienu qed isiru mill-Gvern Centrali;

Ghalhekk il-kunsill esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara bhala infondati t-talba tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xogholijiet, ghal pagament ta’ LM34,935.51 mitluba minghand l-esponenti permezz ta’ ittra ufficjali tieghu ta’ l-24 ta’ Gunju 2005, bl-ispejjez kontra l-istess Direttur intimat;

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutensjoni, Taqsima Xogholijiet, *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-ammont ta’ erbgha u tletin elf, disa’ mija u hamsa u tletin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu

(LM34,935.51) huwa rapprezenanti l-prezz ta’ materjal, xoghlijiet, u diversi servizzi provduti lill-Kunsill Lokali Zejtun mid-Dipartiment esponenti;

2. Illi skond l-Artikolu 466 (2) d-debitur irid jipprova li t-talba li saret permezz ta’ l-ittra ufficjali mahruga a tenur ta’ l-artikolu 466 mhix wahda fondata;

3. Illi d-Direttur intimat, jirrileva illi l-artikolu dwar il-preskrizzjoni mressaq mill-Kunsill rikorrenti u cioe l-Artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta mhuwiex applikabli ghall-kaz odjern stante li t-talba ta’ l-esponenti titratta fornituri ta’ materjal, xogholijet u servizzi li jissoktaw hekk kif jirrizulta skond l-anness Statement esebit u mmarkat bhala Dok CMD 1, li dwarhom hemm dikjarazzjonijiet tad-debitur bil-miktub u kopja ta’ l-istess qeghdin jigu esebiti bhala Dok. CMD 2 u CMD 3. B’hekk f’dan il-kaz ikun applikabbli l-artikolu 2151 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali mahruga mill-esponenti fi kwalunkwe kaz, mhix preskritta u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smiegh tar-rikors fl-ismijiet hawn fuq premessi;

5. Illi x-xogholijiet kollha mwettqa mid-Dipartiment esponenti saru skond l-arti u s-sengha u hekk kif kien miftiehem bejn il-partijiet, wara li saret talba ghall-imsemmija xogholijiet mir-rikorrenti;

6. Illi minbarra dan kollu, l-esponenti baghat numru ta’ avvizi lir-rikorrenti, fosthom ittra ufficjali datata 4 ta’ Awissu 2003, u saru diversi laqghat sabiex jintlahaq ftehim u jithallas l-ammont dovut lid-Dipartiment, izda r-rikorrenti baqa’ inadempjenti;

7. Ghaldaqstant id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma li l-ammont mitlub mill-esponenti u cioe’ erbgha u tletin elf, disa’ mija u hamsa u tletin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM34,935.51) rapprezentanti l-prezz ta’ materjal, xoghlijiet u diversi servizzi provduti lill-Kunsill Lokali Zejtun huma dovuti mill-istess Kunsill rikorrenti, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra tieghu;

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u rat l-atti illi l-Kunsill Lokali rikorrenti baqa' ma pprezentax nota ta' sottomissjonijiet;

Rat illi ir-rikors thalla ghallum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tql-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-Kunsill rikorrent sabiex tiddikjara li l-ammont ta' Lm34,935.51 mitlub mid-dipartiment intimat permezz ta' ittra ufficjali datata l-24 ta' Gunju 2005[1] huwa preskritt *ai termini* tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk l-ammont mitlub permezz tal-istess ittra ufficjali m'huwiex dovut.

Min-naha l-ohra, d-dipartiment intimat, permezz tad-dikjarazzjoni guramentata tal-Perit Nicholas Grech[2], jiddikjara li l-ammont mitlub permezz tal-istess ittra ufficjali msemmija huwa dovut mill-Kunsill rikorrent. Permezz tar-risposta tieghu[3], l-istess dipartiment intimat jikkontendi, fost eccezzjonijiet ohrajn, li l-ammont mitlub m'huwiex preskritt *stante* li l-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 mhux applikabbli ghall-kaz odjern *stante* li t-talba tal-istess intimat hija talba li tittratta fornituri ta' materjal, xogholijiet u servizzi li jissoktaw skond l-*statement* esebit[4].

**<u>Il-Fatti u l-Provi relattivi ghall-Preskrizzjoni</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Venera Micallef[5] bhala *Assistant Principal* mal-*construction and maintenance department,* li tghid li l-*invoices* relattivi huma relattivi ghall-perjodu ta' bejn 1996 u s-sena 2000,

[1] Liema ittra ufficjali hija esebita a fol 3 tal-process
[2] Esebita a fol 4 tal-process
[3] Esebita a fol 8 tal-process
[4] Ara Dok. CMD1 esebit a fol 10 tal-process
[5] Datata s-6 ta' April 2006 esebita a fol 17 tal-process

precizament sas-6 ta' Gunju 2000 meta spicca l-ahhar xoghol. Ix-xhud tispjega wkoll li l-intimat intavola ittra ufficjali ohra (apparti dik li ghaliha jaghmel referenza fir-rikors promotur) datata l-4 ta' Awwissu 2003[6] u notifikata lill-Kunsill rikorrent fis-6 ta' Awwissu 2003.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-affidavit ta' Reuben Seychell[7], fejn bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Zejtun, jikkontendi li l-ammont mitlub mid-dipartiment huwa preskritt kwantu ghal hamsa, sitta jew sahansitra sebgha' snin (u dan kuntrarjament ghal dak li jsostni l-istess kunsill rikorrent permezz tar-rikors promotur tieghu, meta jikkontendi li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn). Il-Qorti tara li fost id-dokumenti l-aktar importanti, hemm Dok. A1[8], *stante* li dan jelenka d-dettalji ta' meta d-dipartiment intimat ittermina kull bicca xoghol li huwa ghamel u l-*outstanding dues* relattivi. Is-Sindku tal-Kunsill rikorrent Joseph Attard[9] jghid li lura fis-sena 1998, il-Kunsill beda jircievi xi kontijiet relattivi ghas-sena 1995 - 1996 li bhala kunsill ikkontesta, abbazi tal-argument li dawn kellhom jithallsu mill-Gvern b'kontribuzzjoni zghira da parti tal-Kunsill. Venera Micallef permezz tax-xiehda taghha[10], min-naha l-ohra tiddikjara li l-Kunsill ghamel pagamenti akkont tal-prezz tal-ammont mitlub u ghalhekk, tali pagament itterrompa l-preskrizzjoni li kienet ghaddejja favur l-istess rikorrent.  L-istess xhud tispjega li sabiex wiehed verament jifhem il-pagamenti parzjali li ghamel il-Kunsill rikorrent, huwa importanti li wiehed jezamina Dok. A2 u Dok. A3 hekk kif paragunati ma' Dok. A1, u dawn flimkien mad-dokument CMD1, u taghti ezempju billi ssemii li fl-24 ta' Marzu 2000 il-Kunsill ghamel *part-payment* ta' Lm321.75 ghall-*invoice* bin-numri 19 u 20 (*job number* 10393) li kienet tammonta ghal Lm4492.45c (parti mis-somma mitluba fil-kawza odjerna)[11]. L-istess xhud taghmel referenza wkoll ghal *part payment* iehor ta'

[6] Esebita a fol 24 tal-process
[7] Esebit a fol 29 tal-process
[8] Esebit a fol 41 tal-process
[9] Ara x-xhieda tieghu datata d-19 ta' April 2007 esebita a fol 46 tal-process
[10] Esebit a fol 52 tal-process
[11] Ara a fol 72 tal-process

Lm12,711.97c li sar fit-18 ta' Gunju 2001 u li jirreferi ghal *invoice number* 1469 li jkopri 8 *job numbers* (minn *job number* 24552 – 24080) u ssemmi wkoll *part payments* ohra kif jirrizulta mill-istess dokumenti msemmija aktar 'il fuq. Ix-xhud taghmel referenza wkoll ghas-somma ta' Lm16,018.68 li l-Kunsill rikorrent kien lest li jhallas fis-sena 2001 (kif wara kollox jirrizulta minn Dok. CMD3[12]). Is-Sindku tal-Kunsill rikorrent, Joseph Attard, in kontro-ezami[13] jikkonferma wkoll li, b'referenza ghall-*invoices* li jmorru lura sa' 1997 u 1999, fosthom *job number* 810 li jikkoncerna Misrah Dicembru X111, l-Kunsill ghamel xi pagamenti u jikkonferma wkoll li l-istess Kunsill ried ihallas is-somma ta' Lm16,018.68 msemmija aktar 'il fuq, biex il-partijiet jaslu fi ftehim (kif jirrizulta mill-ittra esebita a fol 13 tal-process) u li fuq kollox, din l-istess somma hija formanti parti mill-ammont mitlub mid-dipartiment intimat[14].

**<u>Il-Kaz Odjern</u>**

Illi il-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet ta' liema artikolu relatat mal-preskrizzjoni tal-kaz odjern huwa applikabbli. Il-Kunsill rikorrent jibbaza t-talba tieghu ghal dikjarazzjoni li l-ammont mitlub mid-dipartiment huwa preskritt *ai termini* tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 li jghid hekk:

***"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn: (a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xoghlijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu."***

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-kawzi fl-ismijiet **Joseph Grech vs Emanuela Camilleri et**[15]; deciza nhar il-21 ta' Marzu 1977 mill-Qorti tal-Appell Kummercjali, **Gio Maria Camilleri vs John Licari et**,

[12] Esebit a fol 13 tal-process
[13] Xhieda datata t-13 ta' Jannar 2011
[14] Ara x-xhieda ta' Joseph Attard in kontro-ezami datata t-13 ta' Jannar 2011
[15] Kollez. Vol XLII.iii.1151

deciza nhar is-16 ta' Ottubru 1972 mill-Qorti tal-Appell Kummercjali, **Francis Bugeja nomine vs Indri Mercieca** deciza nhar id-29 ta' Mejju 2000 mill-Qorti tal-Appell, fejn gie ritenut li l-artikolu "***2149(a) tirreferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – 'opus' 'minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet***";

Ghalhekk, minn dak suespost, jirrizulta li kwistjonijiet relatati ma' xogholijiet bhal dawk mertu tal-kawza odjerna huma preskritti b'terminu ta' sentejn. Pero' l-Qorti tirrileva li sabiex tigi applikata din il-preskrizzjoni, irid necessarjament ikun hemm l-elementi kollha li jwasslu ghal tali preskrizzjoni u ma jkunx hemm atti li permezz taghhom, l-istess preskrizzjoni giet interrotta jew li permezz taghhom, il-perjodu preskrittiv jigi estiz ghal ammont ta' snin akbar minn dak stabbilit fl-artikolu hawn citat minhabba xi pagament. Dan qieghed jinghad in vista tal-eccezzjoni da parti tal-intimat, li jikkontendi li l-perjodu ta' preskrizzjoni hekk kif applikabbli ghall-kaz odjern huwa dak ta' hames snin u mhux sentejn, u dan abbazi tal-Artikolu 2152(2) tal-Kap. 16 li jghid hekk:

"***Izda, f'kull każ bhal dan, jekk il-kreditu ghal dawn il-fornituri, kunsinni, xogholijiet, servizzi, jew qadi iehor jirrizulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni hlief bl-eghluq ta' hames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni***".

Dak illi trid tara il-Qorti ghalhekk hu jekk iz-zmien relattiv ghall-preskrizzjoni ta'dawn il-fornituri giex estiz ghal hames snin abbazi ta' accettazzjoni jew xi dikjarazzjoni maghmula mill-Kunsill rikorrent. Jidher li mhux kontestat li dawn il-fornituri jirrisalu lura sa' qabel is-sena 1998, kif jirrizulta minn diversi dokumenti li gew esebiti fil-mori tal-kawza[16]. F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghad-

---

[16] Ara a fol 81 *et seq* tal-process

dokument esebit a fol 12 datat 9 ta' Novembru 1999 u li permezz tieghu, il-kunsill rikorrent stqarr li, dwar il-*job numbers* 12138, 12525, 12528, 12530, 12532, 12878, 13033, 13415, 13555, 13556, 13827, 14071, 14100, 14513, 14856, 20574, 20651, 20726, 20791, 20795 u 20926 li jammontaw ghal Lm3088.76, il-Kunsill kien lest li jhallas. Dan necessarjament ifisser li permezz ta' tali dikjarazzjoni, il-perjodu ta' preskrizzjoni gie estiz ghal dak ta' hames snin. L-istess haga tista' tinghad ghal dak li jirrigwarda Dok. CMD3[17] u cioe' l-ittra datata 5 ta' Ottubru 2001 u li permezz taghha l-istess Kunsill rikorrent iddikjara li kien lest li jhallas Lm16,018.68 (u li kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq, tali ammont huwa formanti parti mit-talba ghall-hlas tad-dipartiment intimat).

Illi il-Qorti tirrileva li dwar l-ammont ta' Lm16,018.68 u l-ammont ta' Lm3088.76 imsemmija aktar 'il fuq, dawn m'humiex preskritti, u dan abbazi ta' accettazzjoni tacita jew ahjar esplicita, ta' dejn. F'dan il-kuntest issir referenza ghas-segwenti gurisprudenza **Pace Associates Limited vs. Drawing Techniques Limited**[18], **Joseph Borg vs. Nobbli Maria Testaferrata Bonici**[19] u **Alfredo Borg vs. Carmelo Brincat**[20] li lkoll jghidu li accettazzjoni ta' dejn titterrompi l-preskrizzjoni.

Jifdal biss allura lill-Qorti sabiex tara jekk l-ammont rimanenti u cioe' l-ammont ta' Lm15,828.07, huwiex preskritt bi preskrizzjoni ta' sentejn jew b'dik ta' hames snin kif qieghed jikkontendi d-dipartiment intimat, jew jekk il-Kunsill rikorrent, minhabba d-dikjarazzjonijiet li ghamel tul is-snin, kienx qieghed jirrinunzja jew ikun hemm accettazzjoni tad-dejn. Il-Qorti terga' tirreferi ghal Dok. CMD2 esebit a fol 12 (datat id-9 ta' Novembru 1999) u li permezz tieghu, l-Kunsill rikorrent jaghmel referenza ghax-xogholijiet in kwistjoni u fost ohrajn, jaccetta l-ammont dovut ta' xi whud mill-istess *invoices.* Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-ittra tal-5 ta' Ottubru 2001[21]

---

[17] Esebit a fol 13 tal-process
[18] Deciza nhar is-7 ta' Dicembru 2005 mill-Qorti tal-Appell
[19] Deciza nhar l-24 ta' Marzu 1958 mill-Qorti tal-Appell
[20] Deciza nhar il-5 ta' Gunju 1959 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[21] Esebit a fol 13 tal-process

mibghuta mill-istess Kunsill rikorrent, u li ghal darb'ohra jerga' jikkonferma li huwa lest li jhallas l-ammont ta' Lm16,018.68, liema ittri juru bl-aktar mod car li hekk kif jikkontendi d-dipartiment intimat, il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet qatt ma kienet wahda ta' jekk xi ammont kienx dovut jew le, izda kwistjoni biss ta' kwantum. F'dan il-kuntest issir referenza ghall-gurisprudenza, fejn gie dikjarat li f'kazijiet fejn il-*quantum* ikun qieghed jigi diskuss (kif jirrizulta bl-aktar mod car li hu l-kaz odjern), allura dan necessarjament ifisser li jkun hemm rinunzja ghall-preskrizzjoni da parti tad-debitur. Dan johrog car mill-kawza fl-ismijiet **Anthony Guillaumier vs Joseph Cassar Aveta noe**[22] kif ukoll mill-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Spiteri vs Rosario Caruana et**[23] fejn gie ritenut li:

"***Gie ritenut illi fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma sempliciment jikkontesta l-quantum tal-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jitterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri …***".

Illi il-Qorti tikkumbaci wkoll dak citat mal-fatt li l-Kunsill rikorrent ipprova jilhaq ftehim mad-dipartiment (kif jirrizulta bl-aktar mod car anke mix-xiehda ta' Joseph Cassar bhala s-sindku stess u mill-ittri msemmija aktar 'il fuq), dan necessarjament ifisser ukoll li da parti tal-Kunsill rikorrent kien hemm rinunzja ghall-preskrizzjoni, *stante* li din hija inkompatibbli mal-intenzjoni li jippreservaha u jopponiha[24].

## <u>Decide</u>

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-Kunsill rikorrenti abbazi ta' preskrizzjoni ta' sentejn u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu. Bl-ispejjez ta' din is-sentenza preliminari kontra l-Kunsill rikorrenti.

---

[22] Deciza nhar id-9 ta' Dicembru 1998 mill-Qorti tal-Appell

[23] Deciza nhar il-5 ta' Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell

[24] Ara **Camilleri vs Borg** deciza nhar il-21 ta' Marzu 1958 u **MC Demarco vs G. Zammit** deciza nhar il-11 ta' Gunju 1943

Il-Qorti tibghat l-atti lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, sabiex jigu assenjati lil din il-Qorti diversament preseduta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------